**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmelo Degabriele

*versus*

William Borg

**Danni - Perit Mediku - Relazzjoni**

*Meta f'kawża għal danni jkun nominat perit mediku, dan fir-relazzjoni li jestendi huwa mistenni li jallaċċja d-debilità subita mill-attur mal-fatti li taw lok għall-kawża jew ma' l-aġir allegatament delittwuż tal-konvenut. Dan huwa aspett vitali tal-kawża li jeħtieġ li jiġi stabbilit u li jista' biss jiġi determinat mill-aspett mediku tekniku.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Marzu, 1995 - qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-emendi estensivi bl-Att XXIV ta' l-1995 - fuq talba tal-konvenut li biha talab li jiġi nominat espert okulista biex jeżamina lill-attur mill-ġdid u ċ-ċertifikati, skond hu konfliġġenti ta' Dr. Richard Soler, ta' Dr. Mario Tabone kif ukoll li jiġi awtorizzat li jressaq xhieda ġodda. Dana fi stadju li fih waslet il-kawża u ċjoè wara n-nomina ta' periti addizjonali nominati meta li kienu ppreżentaw ir-rapport tagħhom, il-perit legali Avukat Dr. Carmelo Vassallo

kif assistit mill-Perit oftalmologu Dr. Geoffrey Zarb Adami. Il-Qorti qed tirriproduċi dan id-digriet kemm għaliex sewwa jiddeskrivi l-*iter* proċesswali li wassal għat-talba tal-konvenut kif ukoll għax il-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li biha ċaħdet it-talba hi ġusta anke jekk din il-Qorti ser tasal għall-konklużjoni xi ftit differenti;

"Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-26 ta' Novembru, 1993 fejn wara li l-konvenut irrileva li hu kien sar jaf b'fatti ġodda li (a) ma kinux magħrufa lilu qabel il-proċeduri u (b) li ma ġewx żvelati matul il-proċeduri u ċjoè li preċedentement għall-inċident l-attur kien ibati minn marda f'għajnejh u li minħabba fiha kellu jiġi operat minn Dr. M. Tabone, talab li jiġi nominat espert okulista biex jeżamina lill-attur mill-ġdid u ċ-ċertifikati (allegatament) konfliġġenti ta' Dr. Soler u ta' Dr. Tabone u li jiġi awtorizzat iressaq xhieda ġodda;

Fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 1994 wara li d-difensuri ttrattaw it-talba tal-konvenut u wara li l-konvenut illimita t-talba tiegħu għall-produzzjoni ta' provi ġodda dwar il-kundizzjoni medika ta' l-attur preċedentement għall-inċident in kwistjoni, liema talba ma ġietx opposta mill-attur purkè l-konvenut sar jaf b'dawn il-provi wara r-rapport ta' l-ewwel periti, din il-Qorti laqgħet it-talba kif ċirkoskritta;

*Omissis*;

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 1995 id-difensur ta' l-attur irrileva li x-xhieda tal-konvenut fuq imsemmija ma kinitx konformi mad-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Ottubru, 1994. Il-konvenut fl-istess okkażjoni talab li jiġi awtorizzat li jipproduċi lil Dr. Mario Tabone sabiex jixhed dwar il-

kundizzjoni medika ta' l-attur qabel l-inċident u wara u li jiġi maħtur perit mediku okulista biex jagħmel l-indaġini meħtieġa;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proċeduri li jikkonċernaw talba għad-danni *wara inċident* bejn il-kontendenti li ġara f'Ottubru 1983, ġew preżentati f'Ġunju, 1985. Fit-8 ta' Jannar, 1986 kienu ġew maħtura Dr. Carmelo Vassallo, bħala perit legali u l-Prof. V. Griffiths li sussegwentement, fuq talba tiegħu stess minħabba n-natura tal-ġrieħi ta' l-attur, ġie sostitwit b'Dr. J. Zarb Adami;

Minn eżami tal-proċess jidher li t-tentattivi ta' l-attur biex il-kawża tiġi determinata fl-iqsar żmien possibbli ġew dejjem frustrati mill-konvenut li, jew ma kienx jattendi għas-seduti jew ma kienx iressaq provi jew ma kienx ikun patroċinat. Saru diversi rikorsi da parti ta' l-attur sabiex il-proċeduri jitħaffu u din il-Qorti, diversament presjeduta, kellha finalment fl-21 ta' Diċembru, 1990, tordna lill-periti jestendu r-rapport wara d-differiment li kien imiss fil-kawża. Infatti ġara li f'dak id-differiment il-Qorti ġiet infurmata mill-perit legali li l-partijiet kienu resqu l-provi kollha tagħhom;

Il-periti ħalfu r-rapport fl-udjenza ta' l-1 ta' Lulju, 1990 u fit-23 ta' Novembru, 1992, wara talba tal-konvenut biex inħatru "periti addizzjonali wara r-rapport maħluf mill-perit legali Dr. Carmelo Vassallo biex jeżaminaw l-istess rapport", fil-presenza tal-partijiet u bl-assistenza tad-difensuri tagħhom, ġew maħtura l-periti addizzjonali legali li hemm illum fil-kawża;

Issa l-konvenut qed jilmenta li hemm diskrepanza bejn iċ-ċertifikat mediku ta' Dr. Tabone u dak ta' Dr. Soler u talab li jiġi maħtur espert mediku ieħor sabiex l-attur jerġa' jiġi eżaminat u li jipproduċi xhieda oħra dwar il-kundizzjoni medika

ta' l-attur antecedenti għall-akkadut ta' l-14 ta' Ottubru, 1983;

Il-Qorti, wara li eżaminat il-proċess kollu li tqiegħed a disposizzjoni tagħha hi tal-fehma li dawn it-talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa billi:

*Omissis*;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-konvenut, tordna l-isfilz tax-xhieda tal-konvenut mogħtija fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 1995 quddiem il-Periti Addizjonali, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 1994 u għalhekk tiddiriġi lill-periti addizzjonali jindirizzaw l-indaġini tagħhom limitatament għall-aspett legali tal-każ u għal-likwidazzjoni tad-danni, tenut kont tal-konklużjonijiet ta' l-espert mediku Dr. G. Zarb Adami";

Kif diġà fuq aċċennat il-motivazzjoni tal-Qorti f'dan id-digriet hi kollha kemm hi ġustifikata u din il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi kawża li fil-meritu tinvolvi kumpens f'dannu minħabba debilità permanenti allegatament kawżata minn att delittuż tal-konvenut ġiet imtawwla inutilment u daħlet fit-tnax-il sena tagħha;

Indubbjament f'ċirkostanzi simili meta l-konvenut kellu kull opportunità li jipproduċi l-provi tiegħu, li sewwa jittratta l-każ tiegħu li jikkontesta bil-mezzi li ttih il-liġi r-relazzjonijiet peritali, l-Ewwel Qorti kienet fid-<u>dover</u> li tiċħad talbiet tax-xorta li taw lok għad-digriet kontestat. Dan speċjalment meta jirriżulta lill-Ewwel Qorti - kif irriżultalha f'dan il-każ - li l-konvenut kien qiegħed jipprova *in extremis* jirrimedja għan-nuqqasijiet tiegħu fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża. Dan bir-riżultat li l-Qorti tkun qed tiġi invitata tiddevja mir-regoli ta' proċedura bla ġustifikazzjoni u bi preġudizzju, f'din il-kawża

għall-attur;

Mill-banda l-oħra din il-Qorti eżaminat sewwa l-atti proċesswali u nnotat b'apprensjoni u dispjaċir għal kollox nieqes mill-forma, dinjità, serjetà u motivazzjoni kif ġie redatt ir-rapport oftalmoloġiku mill-espert mediku nominat mill-Qorti. Rapport li ma kien messu qatt ġie hekk esebit għax - biex jingħad l-inqas - mhux redatt b'mod aċċettabbli biex jiġi preżentat quddiem Tribunal ikun x'ikun. Apparti l-format, dak li jippreokkupa serjament lil din il-Qorti inkwantu bilfors jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża hu l-fatt li f'dan l-ispeċi ta' rapport l-espert mediku jagħti informazzjoni dwar id-debilità subita mill-attur u l-grad tagħha *imma* bl-ebda mod ma jallaċċja din id-debilita' mal-fatti li taw lok għall-kawża jew ma' l-aġir allegatament delittwuż tal-konvenut. Dan in-nuqqas hu mbagħad rifless fir-rapport tal-perit legali "Dottor Carmelo Vassallo kif assistit minn Dottor Geoffrey Zarb Adami (Dokument X)" - id-dokument hu dak ir-rapport mediku fuq indikat. L-unika konnessjoni bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-feriti li ġarrab l-attur hija d-deposizzjoni tat-tabib Dr. Richard Soler li però hu perit *ex parte* u mhux perit espert nominat mill-Qorti. Hu ukoll notat illi r-rapport tal-perit legali anke jekk minnu redatt bl-assistenza ta' l-espert mediku u minnhom it-tnejn maħluf ġie ffirmat minnu biss u mkien fil-korp tiegħu ma jirriżulta xi kontribuzzjoni da parti ta' l-espert mediku għall-konsiderazzjonijiet magħmula f'din ir-relazzjoni ħlief għall-istess ċertifikat mediku minnu rilaxxjat u esebit kif ingħad bħala Dok. X mill-perit legali;

Din il-Qorti allura tqis illi filwaqt li r-relazzjoni peritali medika għandha valur probatorju fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-leżjonijiet li sofra l-attur kif ukoll fir-rigward ta' l-opinjoni ta' l-espert mediku fuq il-funzjonalità ta' l-għajnejn ta' l-attur u l-grad ta' debilità li hu kien qed isofri minnha, ssib li tali relazzjoni hi għal kollox monka inkwantu ma torbotx tali

leżjonijiet u grad *ta' disabilità ma' l-allegat aġir delittwuż tal*-konvenut u ma' l-inċident meritu tal-kawża. Aspett vitali tal-kawża li jeħtieġ li jiġi stabbilit u li jista' biss jiġi determinat mill-aspett mediku tekniku. F'dan il-kuntest allura hu xieraq, utili u opportun li din il-materja tiġi nvestigata mill-periti addizzjonali ġà nominati però bl-assistenza ta' oftalmologu li għandu *jiġi nominat biex* - kwantu volte l-istess periti addizzjonali jikkonfermaw id-dikjarazzjoni ta' responsabbilità tal-konvenut għall-inċident - jistabbilixxi n-ness bejn id-debilità permanenti li qed isofri minnha l-attur u l-aġir delittwuż ta' l-istess konvenut fl-inċident *de quo* u biex f'dan ir-rigward jagħmel dawk il-kostatazzjonijiet u osservazzjonijiet li jidhirlu xierqa u ġusti fiċ-ċirkostanzi.

Din il-Qorti mhijiex ser tilqa' t-talba tal-konvenut li jipproduċi provi ġodda f'dan l-istadju anke għaliiex mhi xejn konvinta li l-konvenut ma setax jipproduċihom fi żmien opportun kieku tratta l-kawża bl-attenzjoni debita. Ser tħalli f'idejn il-periti addizzjonali bl-assistenza tal-perit mediku *nominand* biex jiddeċidu liema prova addizzjonali hi meħtieġa - jekk hi meħtieġa - biex tiġi stabbilita r-rabta ta' kawża u effett bejn il-feriti riportati u l-inċident mertu tal-kawża li r-relazzjoni peritali tinjora;

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 674 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif ukoll l-artikolu 150 (b) (f) ta' l-istess Kodiċi tiddisponi mill-appell billi:

Tiċħad it-talba tal-konvenut li jipproduċi l-provi indikati minnu *fir-rikors tiegħu tas-26* ta' Novembru, 1993 kif ukoll tiċħad it-talba għall-ħatra ta' tabib speċjalista <u>fost il-periti periżjuri</u> u f'dan is-sens tikkonferma d-digriet ta' l-Ewwel Qorti tas-27 ta' Marzu, 1995;

Tidderiġi illi jiġi mill-Ewwel Qorti nominat espert oftalmologu biex jassisti il-periti addizzjonali ġà nominati li għandhom - kif ġà diretti - jirrelataw limitatament għall-aspett legali tal-każ u għal-likwidazzjoni tad-danni b'dan illi huma għandhom b'din l-assistenza mogħtija jiddeterminaw ukoll il-punt legali tan-ness tal-kawża u effett bejn id-debilità permanenti li qed isofri l-attur u l-inċident mertu tal-kawża u għal dan il-fini l-istess periti addizzjonali kif assistiti għandhom ikunu awtorizzati li jisimgħu biss dawk il-provi li jidhrilhom li huma meħtieġa biex jistabbilixxu din iċ-ċirkostanza;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu a kariku ta' l-appellant.